

Opinjoni tal-Bord (Artikolu 64)



**Opinjoni Nru 5/2019 dwar l-interazzjoni bejn id-Direttiva
dwar il-Privatezza Elettronika u l-GDPR, b'mod partikolari
rigward il-kompetenza, il-kompiti u s-setgħat tal-
awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data***

Adottata fit-12 ta' Marzu 2019

Translations proofread by EDPB Members.
This language version has not yet been proofread.

WERREJ

1	Sommarju tal-fatti	4
2	Il-Kuntest Ġuridiku	5
2.1	Dispożizzjonijiet rilevanti tal-GDPR.....	5
2.2	Dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva Kwadru.....	6
2.3	Dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika	6
3	Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-opinjoni	9
3.1	Kwistjonijiet barra l-ambitu tal-GDPR.....	10
3.2	Kwistjonijiet barra l-ambitu tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.....	10
3.2.1	Il-kamp ta' applikazzjoni materjali ġenerali tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika	10
3.2.2	Il-kamp ta' applikazzjoni materjali estiż tal-Artikoli 5(3) u 13 tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.....	12
3.3	Kwistjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni materjali kemm tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika kif ukoll tal-GDPR.....	12
4	Interazzjoni bejn id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika u l-GDPR.....	15
4.1	“Biex jippartikularizzaw”	15
4.2	“Biex jikkumplementaw”	16
4.3	It-tifsira tal-Artikolu 95 tal-GDPR	16
4.4	Koeżistenza.....	17
5	Dwar il-kompetenza, il-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad- <i>data</i>	18
5.1	L-infurzar tal-GDPR.....	19
5.2	L-Infurzar tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika	21
5.3	L-Infurzar fejn jiltaqgħu l-GDPR u l-Privatezza Elettronika	22
5.3.1	L-ewwel mistoqsija: ċerti operazzjonijiet ta' pproċessar huma “barra mil-limiti’ għall-awtoritajiet tal-protezzjoni tad- <i>data</i> ?	22
5.3.2	It-tieni mistoqsija: Id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-Privatezza Elettronika “ma jistgħux jintmissu”?	24
6	Dwar l-applikabbiltà tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsistenza.....	26
7	Konklużjoni	27

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 63 u l-Artikolu 64(2) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, (minn hawn 'il quddiem "GDPR"),

Wara li kkunsidra l-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 10 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu tal-25 ta' Mejju 2018, kif emendati fit-23 ta' Novembru 2018,

Billi:

(1) Ir-rwol ewlieni tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (minn hawn 'il quddiem il-Bord) huwa li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tar-Regolament 2016/679 (minn hawn 'il quddiem il-GDPR) madwar iż-Żona Ekonomika Ewropea kollha. L-Artikolu 64(2) tal-GDPR jistipula li kwalunkwe awtorità superviżorja, il-President tal-Bord jew il-Kummissjoni jistgħu jitolbu li kwalunkwe kwistjoni ta' applikazzjoni ġenerali jew li jkollha effetti f'aktar minn Stat Membru wieħed tkun analizzata mill-Bord bil-ħsieb li tinkiseb opinjoni. L-għan ta' din l-opinjoni huwa li tanalizza materja ta' applikazzjoni ġenerali jew li jkollha effetti f'aktar minn Stat Membru wieħed.

(2) Fit-3 ta' Diċembru 2018, l-Awtorità Belġjana għall-Protezzjoni tad-Data talbet lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data biex jeżamina u joħroġ Opinjoni dwar l-interazzjoni bejn il-GDPR u d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, partikolarment fir-rigward tal-kompetenza, il-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*.

(3) L-opinjoni tal-Bord għandha tiġi adottata skont l-Artikolu 64(3) tal-GDPR b'rabta mal-Artikolu 10(2) tar-Regoli ta' Proċedura fi żmien tmien ġimgħat mill-ewwel jum tax-xogħol wara li l-President u l-awtorità superviżorja kompetenti jkunu ddeċidew li l-fajl huwa komplut. B'deċiżjoni tal-President, dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'sitt ġimgħat addizzjonali, meta titqies il-kumplessità tas-suġġett.

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

1 SOMMARJU TAL-FATTI

1. Fit-3 ta' Diċembru 2018, id-DPA Belġjana talbet lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data biex janalizza u joħroġ opinjoni dwar l-interazzjoni bejn id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika¹ u l-GDPR, permezz tal-mistoqsijiet li ġejjin:
 - a. Dwar il-**kompetenza, il-kompiti u s-setgħat** tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*², kemm jekk
 - i. l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* jistgħu jew ma jistgħux jeżerċitaw il-kompetenza, il-kompiti u s-setgħat tagħhom fir-rigward tal-ipproċessar li jiskatta, tal-inqas f' relazzjoni ma' ċerti operazzjonijiet ta' pproċessar, il-kamp ta' applikazzjoni materjali kemm tal-GDPR kif ukoll tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika; u jekk iva, jekk
 - ii. l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* jistgħux jew għandhomx iqisu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika u/jew l-implimentazzjonijiet nazzjonali tagħha meta jeżerċitaw il-kompetenzi, il-kompiti u s-setgħat tagħhom skont il-GDPR (eż., meta jivvalutaw il-legalità tal-ipproċessar) u jekk iva, sa liema punt.
 - b. jekk il-**mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u ta' konsistenza** jistgħux jew għandhomx jiġu applikati fir-rigward tal-ipproċessar li jiskatta, tal-inqas f' relazzjoni ma' ċerti operazzjonijiet ta' pproċessar, l-ambitu materjali kemm tal-GDPR kif ukoll tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika; u
 - c. il-punt sa fejn l-ipproċessar **jista' jkun regolat minn dispożizzjonijiet kemm** tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika kif ukoll tal-GDPR u jekk dan jaffettwax jew le t-tweġibiet għall-mistoqsijiet 1 u 2.
2. Il-Bord jikkunsidra li dawn il-mistoqsijiet jikkonċernaw kwistjoni ta' applikazzjoni ġenerali tal-GDPR, minħabba li hemm ħtieġa ċara għal interpretazzjoni konsistenti fost l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* fir-rigward tal-konfini tal-kompetenzi, kompiti u setgħat tagħhom. Kjarifika hija partikolarment meħtieġa biex tiżgura, fost l-oħrajn, prattika konsistenti ta' assistenza reċiproka skont l-Artikolu 61 tal-GDPR u operazzjonijiet konġunti skont l-Artikolu 62 tal-GDPR.
3. Din l-opinjoni mhix relatata ma' xi diviżjoni ta' kompetenzi, kompiti u setgħat ta' dan it-tip tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* skont il-proposta għar-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika.

¹ Id-Direttiva Nru 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika), kif emendata bid-Direttiva 2006/24/KE u d-Direttiva 2009/136/KE.

² Kif stabbilit bl-Artikoli 55-58 tal-GDPR. It-terminu "awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*" (għall-kuntrarju ta' "awtoritajiet superviżorji") se jintuża f'din l-Opinjoni sabiex jiddistingwi b'mod ċar bejn l-"awtoritajiet superviżorji" previsti mill-GDPR u tipi oħrajn ta' awtoritajiet superviżorji, bħall-awtoritajiet regolatorji nazzjonali msemmija fid-Direttiva 2002/58/KE.

2 IL-KUNTEST ĠURIDIKU

2.1 Dispożizzjonijiet rilevanti tal-GDPR

4. Skont l-Artikolu 2(1), il-GDPR japplika *“għall-ipproċessar ta’ data personali kompletament jew parzjalment b’mezzi awtomatizzati, u għall-ipproċessar għajr b’mezzi awtomatizzati ta’ data personali li tiffirma parti minn sistema ta’ arkivjar jew li tkun maħsuba sabiex tiffirma parti minn sistema ta’ arkivjar.”*

L-Artikolu 2(2) tal-GDPR jiddikjara li l-GDPR m’għandux japplika għall-ipproċessar ta’ data personali:

“(a) matul attività li ma taqax taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni;

(b) mill-Istati Membri meta jkun qiegħdin iwettqu attivitajiet li jaqgħu taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tal-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-TUE;

(c) minn persuna fiżika waqt attività purament personali jew fid-dar;

(d) mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta’ reati kriminali, jew l-eżekuzzjoni ta’ pjeni kriminali, inkluż is-salvagwardji kontra u l-prevenzjoni ta’ theddid għas-sigurtà pubblika”.

5. L-Artikolu 5, bit-titolu *“Prinċipji relatati mal-ipproċessar ta’ data personali”*, fih il-prinċipji applikabbli għal kwalunkwe proċessar tad-*data* personali, inkluż ir-rekwiżit li kwalunkwe pproċessar tad-*data* personali għandu jkun legali u ġust.³ L-Artikolu 6 jiddeskrivi ċ-ċirkostanzi li fihom l-ipproċessar tad-*data* personali għandu jkun legali, fejn waħda minnhom hija relatata mal-kunsens tas-suġġett tad-*data*. L-Artikolu 7 jispeċifika wkoll il-kondizzjonijiet għal kunsens validu fit-tifsira tal-GDPR.⁴
6. L-Artikolu 51(1) jistabbilixxi l-mandat legali tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*, li għandu jservi ta’ monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-GDPR, sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta’ persuni fiżiċi b’rabta mal-ipproċessar u biex jiġi ffaċilitat il-fluss liberu ta’ *data* personali fl-Unjoni. L-Artikoli 55, 57 u 58 jispeċifikaw il-kompetenzi, il-kompiti u s-setgħat ta’ kull awtorità tal-protezzjoni tad-*data*. Il-Kapitolu VII tal-GDPR, bit-titolu *“Kooprazzjoni u Konsistenza”*, jispeċifika l-modi differenti li bihom l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* għandhom jikkooperaw sabiex jikkontribwixxu għal applikazzjoni konsistenti tal-GDPR.
7. L-Artikolu 94, bit-titolu *“Tħassir tad-Direttiva 95/46”*, jiddikjara li
- “1. Id-Direttiva 95/46/KE titħassar b’effett mill-25 ta’ Mejju 2018.*
 - “2. Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehm bħala referenzi għal dan ir-Regolament. Ir-referenzi għall-Grupp ta’ Ħidma dwar il-Protezzjoni ta’ Individi fir-rigward tal-Ipproċessar tad-Data Personali stabbilit bl-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE għandhom jinftiehm bħala referenzi għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data stabbilit b’dan ir-Regolament.”*

³ Ara wkoll il-premessa (39) tal-GDPR (*“Kwalunkwe pproċessar tad-*data* personali għandu jkun legali u ġust. [...]”*).

⁴ Ara l-Linji Gwida WP29 dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679, WP259 rev.01, approvat mill-EDPB fil-25 ta’ Mejju 2018.

8. L-Artikolu 95, bit-titolu “Relazzjoni mad-Direttiva 2002/58/KE”, jiddikjara li

“Dan ir-Regolament m’għandux jimponi obbligi addizzjonali fuq persuni fiżiċi u ġuridiċi dwar l-ipproċessar b’rabta mal-provvediment ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku fin-netwerks pubbliċi ta’ komunikazzjoni fl-Unjoni b’rabta ma’ kwistjonijiet li għalihom ikunu soġġetti għal obbligi speċifiċi bl-istess objettiv stabbilit fid-Direttiva 2002/58/KE.”

9. Il-premessa (173) tar-Regolament tistipula li:

“(173) Dan ir-Regolament għandu japplika għall-kwistjonijiet kollha li jirrigwardaw il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali vis-à-vis l-ipproċessar tad-data personali, li mhijiex soġġetta għal obbligi speċifiċi bl-istess għan stabbilit fid-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, inkluż l-obbligi fuq il-kontrollur u d-drittijiet tal-persuni fiżiċi. Sabiex tiġi ċċarata r-relazzjoni bejn dan ir-Regolament u d-Direttiva 2002/58/KE, dik id-Direttiva għandha tiġi emendata kif xieraq. Ladarba dan ir-Regolament jiġi adottat, id-Direttiva 2002/58/KE għandha tiġi riveduta b’mod partikolari sabiex tiġi żgurata l-konsistenza ma’ dan ir-Regolament.”

2.2 Dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva Kwadru

10. L-Artikolu 2(g) tad-Direttiva Kwadru⁵ jiddefinixxi “awtorità nazzjonali regolatorja” bħala

“il-korp jew korpi fdati minn Stat Membru b’xi wieħed mix-xogħlijiet regolatorji assenjati f’din id-Direttiva jew fid-Direttivi Speċifiċi.”

11. L-Artikolu 2(l) tad-Direttiva Kwadru jistipula li:

“Direttivi Speċifiċi’ tfisser id-Direttiva 2002/20/KE (Direttiva dwar l-Awtorizzazzjoni), id-Direttiva 2002/19/KE (Direttiva dwar l-Aċċess), id-Direttiva 2002/22/KE (Direttiva dwar is-Servizz Universali) u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika).”

12. L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva Kwadru jistipula li:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull wieħed mix-xogħlijiet assenjati lill-awtoritajiet nazzjonali regolatorji f’din id-Direttiva u fid-Direttivi Speċifiċi jitwettaq minn korp kompetenti.”

2.3 Dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika

13. L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jistipula li:

“Id-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva jippartikularizzaw u jikkomplementaw [Regolament (UE) 2016/679] għall-iskopijiet imsemmija fil-paragrafu 1. Minbarra hekk, jipprovdu għall-ħarsien tal-interessi leġittimi tal-abbonati li huma persuni legali.”⁶

⁵ Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta’ komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (id-Direttiva Kwadru).

⁶ Skont l-Artikolu 94(2) tal-GDPR, ir-referenzi kollha għad-Direttiva 95/46 fid-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika ġew sostitwiti b’“[Regolament (UE) 2016/679]” u r-referenzi għall-“Grupp ta’ Ħidma dwar il-Protezzjoni ta’ Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar tad-Data Personali stabbilit bl-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE” ġew sostitwiti bil-kliem “[Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data]”.

14. L-Artikolu 2(f) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jistipula li:
- “kunsens” minn utent jew abbonat jikkorrespondi għall-kunsens tas-suġġett tad-data fir-[Regolament (UE) 2016/679]”*
15. L-Artikolu 15(2) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jistipula li:
- “Id-dispożizzjonijiet fil-[Kapitolu VIII dwar rimedji ġudizzjarji, responsabbiltà u pjeni] tar-[Regolament (UE) 2016/679] għandhom jgħoddu fir-rigward ta’ dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u fir-rigward tad-drittijiet individwali derivati minn din id-Direttiva.”*
16. L-Artikolu 15(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jistipula li:
- “Il-[Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data] għandu wkoll iwettaq il-kompiti preskritti fl-[Artikolu 70 tar-Regolament (UE) 2016/679] fir-rigward ta’ affarijiet koperti minn din id-Direttiva, jiġifieri l-protezzjoni ta’ drittijiet u libertajiet fundamentali u ta’ interessi leġittimi fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.”*
17. L-Artikolu 15a, bit-titolu “Implimentazzjoni u infurzar”, jistipula li
- “1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli tal-penali, inklużi sanzjonijiet kriminali fejn xieraq, applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn ir-regoli jkunu implimentati. [...]*
- 2. Mingħajr ħsara għal kwalunkwe soluzzjoni ġudizzjarja li tista’ tkun disponibbli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità nazzjonali kompetenti u, fejn rilevanti, korpi nazzjonali oħra jkollhom is-setgħa li jordnaw il-waqfien tal-ksur imsemmi fil-paragrafu 1.*
- 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u, fejn rilevanti, korpi nazzjonali oħra jkollhom is-setgħat u r-riżorsi investigattivi kollha meħtieġa, inkluż is-setgħa li jiksbu kwalunkwe informazzjoni rilevanti li jistgħu jkunu jeħtieġu biex jissorveljaw u jinfurzaw id-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva.*
- 4. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti jistgħu jadottaw miżuri sabiex jiżguraw koperazzjoni effikaċi transkonfinali fl-infurzar tal-liġijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u toħloq kondizzjonijiet armonizzati għall-forniment ta’ servizzi li jinvolvu flussi transkonfinali tad-data.*
- L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, fi żmien bikri biżżejjed qabel ma jadottaw dawn ir-rekwiżiti, b’sommarju tar-raġunijiet għall-azzjoni, il-miżuri mistennija u l-pjan ta’ azzjoni propost. Il-Kummissjoni tista’, wara li tkun eżaminat din l-informazzjoni u kkonsultat mal-ENISA u mal-[Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data], tagħmel kummenti jew rakkomandazzjonijiet, b’mod partikolari biex tiżgura li l-miżuri previsti ma jaffettwawx ħażin it-tħaddim tas-suq intern. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jieħdu kont sħiħ tal-kummenti jew ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni meta jkunu qed jiddeċiedu dwar il-miżuri.”*
18. Il-premessa (10) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika tistipula li:
- “Fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, ir-[Regolament (UE) 2016/679] japplika b’mod partikolari għall-materji kollha li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet fundamentali, li mhumiex speċifikatament koperti mid-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva,*

inklużi l-obbligazzjonijiet fuq il-kontrollur u drittijiet tal-individwi. [Ir-Regolament (UE) 2016/679] jgħodd għal servizzi ta' komunikazzjoni mhux pubbliċi.”

3 IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TA' DIN L-OPINJONI

19. Il-GDPR għandu l-għan li jipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi u b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-protezzjoni tad-*data* personali u li jiżgura l-moviment liberu tad-*data* personali fl-Unjoni.⁷ Biex jinkiseb dan l-għan, il-GDPR jistabbilixxi regoli komuni dwar l-ipproċessar tad-*data*, sabiex jiżgura protezzjoni effettiva u konsistenti tad-*data* personali fl-Unjoni kollha u biex jipprevjeni d-diverġenzi li jfixklu l-moviment liberu tad-*data* personali fis-suq intern. Ir-regoli għandhom l-għan li jiżguraw bilanċ bejn il-benefiċċji (potenzjali) tal-ipproċessar tad-*data* u l-iżvantaġġi (potenzjali).
20. Id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika għandha l-għan li tarmonizza d-dispożizzjonijiet nazzjonali meħtieġa biex jiġi żgurat livell ekwivalenti ta' protezzjoni ta' drittijiet u ta' libertajiet fundamentali, partikolarment id-dritt għall-privatezza u l-kunfidenzjalità, fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u sabiex jiġi żgurat il-moviment liberu ta' tali *data* u tat-tagħmir u s-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika fil-Komunità.⁸ Id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika għalhekk ftittex li tiżgura r-rispett għad-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta. F'dan ir-rigward, id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika għandha l-għan li “tippartikularizza u tikkomplimenta” d-dispożizzjonijiet tal-GDPR, fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika⁹.
21. Il-mistoqsijiet riferuti lill-Bord huma limitati għall-ipproċessar li jiskatta l-kamp ta' applikazzjoni materjali kemm tal-GDPR kif ukoll tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika. Sabiex jiġi ċċarat aktar il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-opinjoni, it-taqsimiet li ġejjin jiċċaraw:
 - fejn ma hemm l-ebda interazzjoni bejn il-GDPR u d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika minħabba li l-kwistjoni taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR;
 - fejn ma hemm l-ebda interazzjoni bejn il-GDPR u d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika minħabba li l-kwistjoni taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika; u
 - fejn ikun hemm interazzjoni bejn il-GDPR u d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika minħabba li l-ipproċessar jiskatta l-kamp ta' applikazzjoni materjali kemm tal-GDPR kif ukoll tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.

⁷ L-Artikolu 1 tal-GDPR.

⁸ L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika

⁹ L-Artikolu 1(1)-(2) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, għandu jkun interpretat fid-dawl tal-Artikolu 94 (2) tal-GDPR.

3.1 Kwistjonijiet barra l-ambitu tal-GDPR

22. Fil-prinċipju, l-ambitu materjali tal-GDPR ikopri kwalunkwe forma ta' pproċessar tad-*data* personali, irrilevanti mit-teknoloġija użata.¹⁰ Il-GDPR m'għandux ikun applikabbli meta:
- L-ebda *data* personali mhi qed tiġi pproċessata (eż. in-numru tat-telefon ta' servizz tal-konsumatur awtomatizzat ta' persuna ġuridika, jew l-indirizz IP ta' fotokopjatur diġitali f'network korporattiv ma jikkostitwixxux *data* personali);
 - L-attivitajiet ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-GDPR, filwaqt li jitqies l-Artikolu 2(2) u (3) tal-GDPR; jew
 - L-attivitajiet jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-GDPR¹¹.

3.2 Kwistjonijiet barra l-ambitu tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika

23. Partikolarità tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika hija li tnejn mid-dispożizzjonijiet tagħha għandhom kamp ta' applikazzjoni usa' mid-dispożizzjonijiet l-oħrajn, li għalihom il-kamp ta' applikazzjoni huwa limitat għall-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli għall-pubbliku f'networks ta' komunikazzjonijiet pubbliċi. Konsegwentement, kif spjegat fit-taqsimiet li ġejjin, jeħtieġ li tingħata risposta għal żewġ mistoqsijiet biex jiġi ddeterminat jekk attività taqax fil-kamp ta' applikazzjoni materjali jew taqax barra l-kamp ta' applikazzjoni materjali tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.

3.2.1 Il-kamp ta' applikazzjoni materjali ġenerali tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika

24. Skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, din tapplika *"għall-ipproċessar ta' data personali f'konnessjoni mal-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi pubblikament disponibbli f'networks ta' komunikazzjonijiet pubbliċi fil-Komunità, inklużi n-networks ta' komunikazzjonijiet pubbliċi li jsostnu l-ġbir tad-data u l-apparat ta' identifikazzjoni."*
25. Bħala tali, id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika fl-ewwel istanza tindirizza s-servizzi tal-komunikazzjoni elettroniċi u n-networks tal-komunikazzjoni elettroniċi disponibbli għall-pubbliku¹².

Il-Kodiċi għall-Komunikazzjonijiet Elettronici¹³ jistipula li servizzi li huma funzjonalment ekwivalenti għal servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi huma koperti.

¹⁰ Ara wkoll il-Premessa (46) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.

¹¹ L-Artikolu 3 tar-GDPR. Ara l-Linji Gwida 3/2018 tal-EDPB dwar il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-GDPR (l-Artikolu 3), tas-16 ta' Novembru 2018.

¹² Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Valutazzjoni REFIT *ex-post* tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika 2002/58/KE, Rapport COM SWD(2017) 005, p. 20; Rapport lill-Kummissjoni "Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika: valutazzjoni tat-traspożizzjoni, l-effettività u l-kompatibilità mar-Regolament propost dwar il-Protezzjoni tad-Data", SMART 2013/0071, p. 24 ff.

¹³ Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

26. Għall-finijiet tal-kamp ta' applikazzjoni materjali ġenerali tagħha, id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika tapplika meta jiġu ssodisfati kull waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
- ikun hemm servizz ta' komunikazzjoni elettronika (ECS)¹⁴;
 - dan is-servizz huwa offrut fuq netwerk ta' komunikazzjonijiet elettronici¹⁵;
 - is-servizz u n-netwerk huma disponibbli għall-pubbliku¹⁶;
 - is-servizz u n-netwerk huma offruti fl-UE.
27. Attivitàjiet li ma jissodisfawx il-kriterji kollha ta' hawn fuq ġeneralment ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.

Eżempji:

Netwerk korporattiv li huwa aċċessibbli biss għall-impjegati għal skopijiet professjonali ma jikkostitwixx servizz ta' komunikazzjoni elettronika "disponibbli pubblikament". B'riżultat ta' dan, it-trasmissjoni ta' *data* ta' lokalizzazzjoni permezz ta' netwerk bħal dan ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni materjali tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika¹⁷

Servizz ta' sinkronizzazzjoni tal-arloġġ jibgħat sinjal fuq netwerk ta' komunikazzjoni elettronika lill-arloġġi kollha li jaderixxu mal-protokoll ta' sinkronizzazzjoni tiegħu (numru mhux determinat ta' riċevituri). Dan is-servizz jitqies bħala servizz ta' xandir minflok servizz ta' komunikazzjoni fil-kuntest attwali u wkoll jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni materjali tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.

¹⁴ L-Artikolu 2(d) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jispeċifika li "komunikazzjoni" tfisser "informazzjoni skambjata jew mibgħuta bejn numru finit ta' partijiet permezz ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament" u teskludi s-servizzi tax-xandir li jistgħu - fit-teorija - jilhqqu udjenza bla limitu. It-terminu "servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi" bħalissa huwa ddefinit mill-Artikolu 2(d) tad-Direttiva Qafas, għalkemm b'effett mill-21 ta' Diċembru 2020 dan għandu jiġi definit mill-Artikolu 2(4) tal-Kodiċi għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

¹⁵ In-"netwerk ta' komunikazzjoni elettronika" fil-preżent huwa definit bl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva Kwadru, għalkemm b'effett mill-21 ta' Diċembru 2020, għandu jkun definit bl-Artikolu 2(1) tal-Kodiċi għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

¹⁶ Servizz għall-pubbliku huwa servizz disponibbli għall-membri kollha tal-pubbliku fuq l-istess bażi, u mhux biss servizzi pubbliċi. Qabbel: EDPS, Opinjoni 5/2016, Opinjoni preliminari tal-EDPS dwar ir-rieżami tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika (2002/58/KE), p. 12 u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istatus u l-implimentazzjoni tad-Direttiva 90/388/KEE dwar il-kompetizzjoni fis-swieq tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni, COM(95) 113 final, 04.04.1995, p. 14.

¹⁷ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Valutazzjoni REFIT *ex-post* tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika 2002/58/KE, Rapport COM SWD(2017)005, p. 21 , <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:52017SC0005&from=EN>; Rapport lill-Kummissjoni "Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika: valutazzjoni tat-traspożizzjoni, l-effettività u l-kompatibilità mar-Regolament propost dwar il-Protezzjoni tad-Data", SMART 2013/0071, p. 14 , <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/eprivacy-directive-assessment-transposition-effectiveness-and-compatibility-proposed-data>.

3.2.2 Il-kamp ta' applikazzjoni materjali estiż tal-Artikoli 5(3) u 13 tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika

28. L-għan ġenerali tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika huwa li tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-pubbliku meta jagħmlu użu minn netwerks tal-komunikazzjonijiet elettronici¹⁸. Fid-dawl ta' dan l-għan, l-Artikoli 5(3) u 13 tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika japplikaw għall-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi kif ukoll għall-operaturi tas-siti web (eż. għall-cookies) jew negozji oħra (eż. għall-kummerċjalizzazzjoni diretta)¹⁹.

Eżempji:

Servizzi ta' magni tat-tiftix li jaħżnu jew jaċċessaw cookies fuq l-apparat tal-utent jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni materjali estiż tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika²⁰.

Posta elettronika mhux mitluba mibgħuta minn operatur ta' sit web għall-finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni diretta taq' wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni materjali estiż tal-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika²¹.

3.3 Kwistjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni materjali kemm tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika kif ukoll tal-GDPR

29. Hemm ħafna eżempji ta' attivitajiet ta' pproċessar li jiskattaw il-kamp ta' applikazzjoni materjali kemm tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika kif ukoll tal-GDPR. Eżempju ċar huwa l-użu tal-cookies. Fl-opinjoni tiegħu dwar ir-reklamar online bbażat fuq l-imġiba tal-konsumaturi, il-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29 iddikjara li

*"Jekk jirriżulta li permezz tat-tqeqħid u l-ksib ta' informazzjoni permezz tal-cookie jew mezz simili, l-informazzjoni miġbura tista' tkun ikkunsidrata data personali allura, **mal-Artikolu 5(3), għandha tapplika wkoll id-Direttiva 95/46/KE.**"²²*

30. Il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) tikkonferma li huwa possibbli li l-ipproċessar jaq' kemm fil-kamp ta' applikazzjoni materjali tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika kif ukoll f'dak tal-GDPR simultanament. Fil-"Wirtschaftsakademie"²³, il-QĠUE applikat id-

¹⁸ L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jstipula li: "Din id-Direttiva tipprevedi l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali meħtieġa biex jiġi żgurat livell ekwivalenti ta' protezzjoni ta' drittijiet u libertajiet fundamentali, partikolarment id-dritt għall-privatezza u l-kunfidenzjalità, fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u sabiex jiġi żgurat il-moviment liberu ta' tali data u tat-tagħmir u s-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika fil-Komunità."

¹⁹ Il-Grupp ta' Hídma dwar il-Protezzjoni tad-Data tal-Artikolu 29, Opinjoni Nru 2/2010 dwar reklamar online bbażat fuq l-imġiba tal-konsumaturi, it-22 ta' Ġunju 2010, WP 171, it-taqsim 3.2.1 p. 9. Opinjoni Nru 1/2008 dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data relatati mal-magni ta' riċerka (WP148), it-taqsim 4.1.3, p. 12. ; Rapport lill-Kummissjoni "Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika: valutazzjoni tat-traspożizzjoni, l-effettività u l-kompatibilità mar-Regolament propost dwar il-Protezzjoni tad-Data", SMART 2013/0071, p. 9.

²⁰ Opinjoni Nru 1/2008 dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data relatati mal-magni ta' riċerka (WP148), it-taqsim 4.1.3, p. 12

²¹ Opinjoni Nru 1/2008 dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data relatati mal-magni ta' riċerka (WP148), it-taqsim 4.1.3, p. 12.

²² Il-Grupp ta' Hídma dwar il-Protezzjoni tad-Data tal-Artikolu 29, Opinjoni Nru 2/2010 dwar reklamar online bbażat fuq l-imġiba tal-konsumaturi, it-22 ta' Ġunju 2010, WP 171, p. 9. Ara wkoll l-Opinjoni Nru 1/2008 dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data relatati mal-magni ta' riċerka (WP148), it-taqsim 4.1.3, p. 12-139.

²³ QĠUE, C-210/16, 5 ta' Ġunju 2018, C-210/16, ECLI:EU:C:2018:388. Ara b'mod partikolari l-paragrafi 33-34.

Direttiva 95/46/KE minkejja l-fatt li l-ipproċessar sottostanti kien jinvolvi wkoll operazzjonijiet ta' proċessar li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni materjali tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika. Fil-każ pendenti tal-*Fashion ID*, l-Avukat Ġenerali esprima l-fehma li ż-żewġ settijiet ta' regoli jistgħu jkunu applikabbli f'każ li jinvolvi social plug-ins u cookies.²⁴

31. Filwaqt li l-GDPR issostitwixxa d-Direttiva 95/46/KE fil-25 ta' Mejju 2018, l-analiżi mwettqa mill-QĠUE u mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Artikolu 29, skont liema ż-żewġ atti legali jistgħu japplikaw fl-istess ħin, huma rilevanti. Il-premessa (30) tal-GDPR telabora fuq id-definizzjoni ta' "identifikaturi online" b'tali mod li tappoġġja l-interpretazzjoni li l-ipproċessar tad-*data* personali jista' jiskatta l-kamp ta' applikazzjoni materjali kemm tal-GDPR kif ukoll tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika:

"Il-persuni fiżiċi jistgħu jiġu assoċjati ma' identifikaturi online pprovduti mill-apparat, l-applikazzjonijiet, l-għodod u l-protokoll tagħhom, bħal indirizzi tal-protokoll tal-internet, identifikaturi tal-cookies jew identifikaturi oħrajn bħal tags tal-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju. Dan jista' jħalli traċċi li, b'mod partikolari flimkien ma' identifikaturi uniċi u informazzjoni oħra li jirċievu s-servers, jistgħu jintużaw sabiex joħolqu profili tal-persuni fiżiċi u jidentifikawhom."

32. Ta' min jinnota b'mod partikolari li "indirizzi tal-protokoll tal-internet" u "identifikaturi tal-cookies" huma msemmija fil-premessa (30), li tiddikjara li l-indirizzi tal-protokoll tal-internet u l-identifikaturi tal-cookies jistgħu jiġu kkombinati ma' "identifikaturi uniċi" oħrajn u informazzjoni oħra riċevuta mis-servers biex joħolqu profili ta' persuni fiżiċi.
33. Fi kliem ieħor, il-GDPR innifsu jirreferi espliċitament, meta jiċċara l-kamp ta' applikazzjoni materjali tiegħu stess (il-kunċett dwar id-*data* personali), għall-attivitajiet ta' proċessar li wkoll jiskattaw, tal-inqas b'mod parzjali, il-kamp ta' applikazzjoni materjali tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.
34. Eżempju ieħor ta' attività li tiskatta l-kamp ta' applikazzjoni materjali kemm tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika u kemm tal-GDPR huwa r-relazzjoni tal-konsumatur bejn fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u persuna fiżika li hija utent tas-servizzi tagħha, li tinvolvi l-ipproċessar ta' *data* personali dwar il-konsumaturi minn naħa waħda, u huma regolati wkoll minn regoli speċifiċi pereżempju dwar id-direttorji tal-abbonati, il-kontijiet dettaljati, l-identifikazzjoni tal-linja minn fejn saret it-telefonata. *Data* ta' traffiku u *data* ta' lokalizzazzjoni ġġenerata minn servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jistgħu jinvolvu wkoll l-ipproċessar ta' *data* personali, sa fejn dawn ikunu relatati ma' persuni fiżiċi.
35. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 95 tal-GDPR u l-premessa (173) tal-GDPR jikkonfermaw ir-relazzjoni *lex generalis-lex specialis* bejn il-GDPR u d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, bl-Artikolu 95 jistipula li l-GDPR m'għandux jimponi obbligi addizzjonali fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi fir-rigward tal-ipproċessar b'konnessjoni mal-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli għall-pubbliku f'netwerks ta' komunikazzjoni pubblika fl-UE fir-rigward ta' kwistjonijiet li għalihom huma soġġetti għall-obbligi speċifiċi bl-istess għan stabbilit fid-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.

²⁴ Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Bobek f'"Fashion ID", C-40/17, id-19 ta' Diċembru 2018, ECLI:UE:C:2018:1039. Ara b'mod partikolari l-paragrafi 111-115.

36. Din l-opinjoni għandha l-għan li tipprovdi ċarezza dwar il-kompetenza, il-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*, fir-rigward ta' każijiet li jiskattaw il-kamp ta' applikazzjoni materjali kemm tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika kif ukoll tal-GDPR kif deskritt fil-qosor fit-taqsimiet preċedenti. It-taqsimiet li ġejjin jiddeskrivu xi każijiet ta' interazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika u l-GDPR u kif kull sett ta' regoli huwa relatat wieħed mal-ieħor.

4 INTERAZZJONI BEJN ID-DIRETTIVA DWAR IL-PRIVATEZZA ELETTRONIKA U L-GDPR

37. Għalkemm teżisti sovrappożizzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni materjali bejn id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika u l-GDPR, dan ma jwassalx neċessarjament għal kunflitt bejn ir-regoli. Minbarra li dan jidher ċar mill-qari tad-diversi dispożizzjonijiet ħdejn xulxin, l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jipprovdi espressament li “d-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva jippartikularizzaw u jikkumplimentaw id-Direttiva 95/46/KE (...)”²⁵. Biex tinftiehem sew l-interazzjoni bejn id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika u l-GDPR, jeħtieġ li l-ewwel tiġi ċċarata t-tifsira tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika. Wara għandhom ikunu ċċarati t-tifsira u l-implikazzjonijiet tal-Artikolu 95 tal-GDPR.

4.1 “Biex jippartikularizzaw”

38. Numru ta' dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika “jippartikularizzaw” id-dispożizzjonijiet tal-GDPR fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika. Skont il-prinċipju *lex specialis derogate legi ġenerali*, id-dispożizzjonijiet speċjali jipprevalu fuq ir-regoli ġenerali f'sitwazzjonijiet li huma, speċifikament, ifittxu li jirregolaw²⁶. F'sitwazzjonijiet fejn id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika “tippartikularizza” (jiġifieri tagħmel aktar speċifika) ir-regoli tal-GDPR, id-dispożizzjonijiet (speċifiċi) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika għandhom, bħala “*lex specialis*”, jieħdu preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet (iktar ġenerali) tal-GDPR²⁷. Madankollu, kwalunkwe proċessar ta' *data* personali li mhuwiex speċifikament regolat mid-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika (jew li għalih id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika ma fihix “regola speċjali”), jibqa' suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-GDPR.
39. Eżempju ta' fejn id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika “tippartikularizza” d-dispożizzjonijiet tal-GDPR jista' jinstab fl-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, li jikkonċerna l-ipproċessar tal-hekk imsejħa “*data* dwar it-traffiku”. Normalment, l-ipproċessar ta' *data* personali jista' jkun iġġustifikat fuq il-bażi ta' kull waħda mir-raġunijiet legali msemmija fl-Artikolu 6 tal-GDPR. Madankollu, il-firxa sħiħa ta' raġunijiet legali possibbli pprovduti bl-Artikolu 6 tal-GDPR ma jistgħux jiġu applikati mill-fornitur ta' servizz ta' komunikazzjonijiet eletroniċi għall-ipproċessar ta' *data* dwar it-traffiku, minħabba li l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jillimita b'mod espliċitu l-kundizzjonijiet li fihom *data* dwar it-traffiku, inkluż *data* personali, jistgħu jiġu pproċessati. F'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet aktar speċifiċi tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika għandhom jieħdu preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet aktar ġenerali tal-GDPR. L-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika madankollu ma jillimitax l-applikazzjonijiet ta' dispożizzjonijiet oħra tal-GDPR, bħad-drittijiet tas-suġġett tad-*data*. Lanqas ma jiċċad ir-rekwiżit li l-ipproċessar ta' *data* personali għandu jkun legali u ġust (l-Artikolu 5(1) tal-GDPR).

²⁵ L-Artikolu 94.2 tal-GDPR jipprovdi li r-referenzi għad-Direttiva mħassra 95/46 għandhom jinftiehem bħala referenzi għall-GDPR.

²⁶ Is-Sentenza tal-QĠUE fil-Każijiet Konġunti T-60/06 RENV II u T-62/06 RENV II, it-22 ta' April 2016, ECLI:EU:T:2016:233, fil-paragrafu 81.

²⁷ Il-Grupp ta' Hídma dwar il-Protezzjoni tad-*Data* tal-Artikolu 29, Opinjoni Nru 2/2010 dwar reklamar online bbażat fuq l-imġiba tal-konsumaturi, it-22 ta' Ġunju 2010, WP 171, p. 10.

40. Sitwazzjoni simili ssejtn fir-rigward tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, sa fejn l-informazzjoni maħżuna fl-apparat tal-utent aħħari tikkostitwixxi *data* personali. L-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jipprevedi li, bħala regola, huwa meħtieġ kunsens minn qabel għall-ħażna ta' informazzjoni, jew għall-kisba ta' aċċess għal informazzjoni diġà maħżuna, fit-tagħmir terminali ta' abbonat jew utent²⁸. Sal-punt li l-informazzjoni maħżuna fl-apparat tal-utenti finali tikkostitwixxi *data* personali, l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika għandu jieħu preċedenza fuq l-Artikolu 6 tal-GDPR fir-rigward tal-attività tal-ħżin jew il-kisba ta' aċċess għal din l-informazzjoni. Ir-riżultat huwa simili fl-interazzjoni bejn l-Artikolu 6 tal-GDPR u l-Artikoli 9 u 13 tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika. Fejn dawn l-Artikoli jeħtieġu kunsens għall-azzjonijiet speċifiċi li jiddeskrivu, il-kontrollur ma jistax jibbaża fuq il-firxa sħiħa ta' raġunijiet legali possibbli pprovduti mill-Artikolu 6 tal-GDPR.
41. Korollarju tal-prinċipju "*lex specialis*" huwa li għandu jkun hemm biss deroga mir-regola ġenerali sa fejn il-liġi li tirregola suġġett speċifiku jkun fiha regola speċjali. Il-fatti dwar il-każ għandhom jiġu analizzati bir-reqqa biex ikun mifhum sa fejn testendi d-deroga, speċjalment f'każijiet fejn id-*data* tgħaddi minn ħafna tipi differenti ta' proċessar - jew b'mod parallel jew b'mod sekwenzjali.

Pereżempju:

Sensar tad-*data* jinvolvi ruħu fit-tfassil ta' profili fuq il-bażi tal-informazzjoni dwar l-imġiba tal-browsing fuq l-internet ta' individwi, miġbura bl-użu ta' cookies, iżda li tista' tinkludi wkoll *data* personali miksuba permezz ta' sorsi oħra (eż. "sħab kummerċjali"). F'tali każ, subsett tal-ipproċessar inkwistjoni, jiġifieri t-tqegħid jew il-qari tal-cookies irid ikun konformi mad-dispożizzjoni nazzjonali li tittrasponi l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika. L-ipproċessar sussegwenti ta' *data* personali, inkluża *data* personali miksuba mill-cookies, irid ikollu wkoll bażi legali skont l-Artikolu 6 tal-GDPR sabiex ikun legali²⁹.

4.2 "Biex jikkumplimentaw"

42. Id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika fiha dispożizzjonijiet li "jikkumplimentaw" id-dispożizzjonijiet tal-GDPR, fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali, fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika. Pereżempju, bosta mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jfittxu li jipproteġu lill-"abbonati" u lill-"utenti" ta' servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli għall-pubbliku. L-abbonati ta' servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli għall-pubbliku jistgħu jkunu persuni fiżiċi jew ġuridiċi. Meta tissupplimenta l-GDPR, id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika tippoteġi mhux biss id-drittijiet fundamentali ta' persuni fiżiċi u partikolarment id-dritt tagħhom għall-privatezza, iżda wkoll l-interessi leġittimi ta' persuni ġuridiċi.³⁰

4.3 It-tifsira tal-Artikolu 95 tal-GDPR

²⁸ Skont l-Artikolu 5(3), informazzjoni fit-tagħmir terminali ta' abbonat jew utent tista' wkoll tinħażen jew tiġi aċċessata diment li din tkun tikkonsisti minn ħażna teknika jew aċċess għall-iskop uniku li titwettaq it-trasmissjoni ta' komunikazzjoni fuq netwerk ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, jew bħala strettament neċessarja sabiex il-fornitur ta' servizz ta' soċjetà tal-informazzjoni, li jkun espliċitament mitlub mill-abbonat jew mill-utent, jipprovidi s-servizz.

²⁹ Filwaqt li l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* ma jistgħux jinfurzaw l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika (sakemm il-liġi nazzjonali ma tagħtihomx din il-kompetenza), għandhom iqisu li l-ipproċessar kollu jinvolvi attivitajiet speċifiċi li għalihom il-leġiżlatur tal-UE fittex li jipprovidi aktar protezzjoni sabiex jevita li tiddgħajjef din il-protezzjoni.

³⁰ Il-Premessa 12 tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.

43. L-Artikolu 95 tal-GDPR jistipula li l-GDPR “*m’għandux jimponi obbligi addizzjonali fuq persuni fiżiċi u ġuridiċi dwar l-ipproċessar b’rabta mal-provvediment ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku fin-netwerks pubbliċi ta’ komunikazzjoni fl-Unjoni b’rabta ma’ kwistjonijiet li għalihom ikunu soġġetti għal obbligi speċifiċi bl-istess objettiv stabbilit fid-Direttiva 2002/58/KE.*” (l-enfasi miżjuda).
44. L-għan tal-Artikolu 95 tal-GDPR huwa għalhekk li tiġi evitata l-impożizzjoni ta’ piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa fuq il-kontrolluri illi kieku kienu jkunu soġġetti għal piżijiet amministrattivi simili iżda mhux identiċi. Eżempju li juri l-applikazzjoni ta’ dan l-Artikolu jirrigwarda l-obbligu ta’ notifika ta’ ksur tad-*data* personali, li huwa impost kemm mid-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika³¹ kif ukoll mill-GDPR³². It-tnejn li huma jipprevedu obbligu li tiġi żgurata s-sigurtà, kif ukoll obbligu li jinnotifikaw ksur tad-*data* personali lill-awtorità nazzjonali kompetenti u lill-awtorità tal-protezzjoni tad-*data*, rispettivament. Dawn l-obbligi huma applikabbli b’mod parallel taħt iż-żewġ leġislazzjonijiet differenti, skont il-kamp ta’ applikazzjoni rispettiv tagħhom. Ovjament, l-obbligu ta’ notifika skont iż-żewġ atti, ladarba f’konformità mal-GDPR u ladarba f’konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali dwar il-Privatezza Elettronika jikkostitwixxi piż miżjud mingħajr benefiċċji immedjati ċari għall-protezzjoni tad-*data*. Skont l-Artikolu 95 tal-GDPR, il-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi li nnotifikaw ksur tad-*data* personali f’konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali applikabbli dwar il-Privatezza Elettronika mhumiex meħtieġa jinnotifikaw b’mod separat lill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* bl-istess ksur skont l-Artikolu 33 tal-GDPR.

4.4 Koeżistenza

45. Fejn jeżistu dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw operazzjoni ta’ pproċessar jew sett ta’ operazzjonijiet partikolari, id-dispożizzjonijiet speċifiċi għandhom jiġu applikati (*lex specialis*), fil-każijiet l-oħrajn kollha (jiġifieri fejn l-ebda dispożizzjoni speċifika ma tirregola operazzjoni ta’ pproċessar jew sett ta’ operazzjonijiet partikolari), għandha tapplika r-regola ġenerali (*lex generalis*).
46. Il-Premessa (173) tikkonferma li, fir-rigward tal-ipproċessar ta’ *data* personali li għalih ma japplikawx l-obbligi speċifiċi tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, il-GDPR għandu jibqa’ japplika:

*“għall-kwistjonijiet kollha li jirrigwardaw il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali vis-à-vis l-ipproċessar tad-*data* personali, li mhijiex soġġetta għal obbligi speċifiċi bl-istess għan stabbilit fid-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, inkluż l-obbligi fuq il-kontrollur u d-drittijiet tal-persuni fiżiċi³³”.*

47. Il-Premessa (173) tal-GDPR tirrepeti dak li diġà ġie ddikjarat fil-premessa (10) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, li tipprevedi li: *Fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, ir-[Regolament (UE) 2016/679] japplika b’mod partikolari għall-materji kollha li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet fundamentali, li mhumiex speċifikatament koperti mid-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva, inklużi l-obbligazzjonijiet fuq il-kontrollur u drittijiet tal-individwi.”*

³¹ L-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.

³² L-Artikoli 32-34 tal-GDPR.

³³ Il-Premessa (173) tiddikjara wkoll li “Sabiex tiġi ċċarata r-relazzjoni bejn dan ir-Regolament u d-Direttiva 2002/58/KE, dik id-Direttiva għandha tiġi emendata kif xieraq. Ladarba dan ir-Regolament jiġi adottat, id-Direttiva 2002/58/KE għandha tiġi riveduta b’mod partikolari sabiex tiġi żgurata l-konsistenza ma’ dan ir-Regolament.” Dak il-proċess ta’ rieżami għadu għaddej.

48. Pereżempju, fornitur ta' netwerk ta' komunikazzjonijiet pubbliċi jew servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku għandu jikkonforma mar-regoli nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika li jikkonċerna d-*data* dwar it-traffiku meta tkun ipproċessata d-*data* meħtieġa għall-finijiet ta' kontijiet ta' abbonati u ħlasijiet ta' interkonnessjoni. Minħabba n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-Privatezza Elettronika dwar, pereżempju, id-dritt ta' aċċess, id-dispożizzjonijiet tal-GDPR japplikaw. Bl-istess mod, il-premessa (32) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika tikkonferma li fejn il-fornitur ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' servizz bil-valur miżjud jissottokuntratta l-ipproċessar ta' *data* meħtieġa għall-provvediment ta' dawn is-servizzi lil entità oħra, dan is-sottokuntrattar u l-ipproċessar tad-*data* sussegwenti jenħtieġ li jkunu f'konformità sħiħa mal-ħtiġiet dwar il-kontrolluri u l-proċessuri tad-*data* personali kif stabbilit bil-GDPR.

49. It-taqsimiet preċedenti ddeskrivew kif id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika u l-GDPR jinteraġixxu fil-każ ta' pproċessar li jiskatta l-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-applikazzjoni taż-żewġ strumenti.
It-taqsimiet li ġejjin se jiffukaw fuq is-solvien tal-mistoqsijiet riferuti lill-Bord rigward il-kompetenza, il-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*, fir-rigward ta' każijiet li tal-inqas parzjalment jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.

5 DWAR IL-KOMPETENZA, IL-KOMPITI U S-SETGĤAT TAL-AWTORITAJIET TAL-PROTEZZJONI TAD-DATA

50. L-Awtorità tal-Istat Belġjan irreferiet żewġ mistoqsijiet dwar il-kompetenza, il-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* – kif stabbiliti bl-Artikoli 55-58 tal-GDPR – lill-Bord, li jistgħu jiġu fformulati mill-ġdid kif ġej:

- Is-sempliċi fatt li l-ipproċessar tad-*data* personali jiskatta l-kamp ta' applikazzjoni materjali kemm tal-GDPR kif ukoll tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, jillimita l-kompetenzi, il-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* fl-ambitu tal-GDPR? Fi kliem ieħor, hemm subsett ta' operazzjonijiet ta' pproċessar tad-*data* li għandhom jiġu esklużi mill-kunsiderazzjoni tagħhom, u jekk iva sa liema punt?
- Meta jeżerċitaw il-kompetenzi, il-kompiti u s-setgħat tagħhom skont il-GDPR, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* għandhom jikkunsidraw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika (eż., meta jivvalutaw il-legalità tal-ipproċessar), u jekk iva sa liema punt? Fi kliem ieħor, il-ksur tar-regoli nazzjonali dwar il-Privatezza Elettronika għandu jitqies jew jitwarrab meta tiġi evalwata l-konformità mal-GDPR, u jekk iva, taħt liema ċirkostanzi?

51. Bħala kwistjoni preliminari, ta' min jinnota li l-Istati Membri huma meħtieġa jiżguraw l-effettività sħiħa tal-liġi tal-UE, b'mod partikolari billi jipprevedu mekkaniżmi xierqa ta' infurzar. Dan l-obbligu huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit bl-Artikolu 4(3) tat-TFUE.³⁴ Is-sezzjonijiet li ġejjin

³⁴ L-Artikolu 4.3 tat-TUE jipprevedi li: "Skont il-prinċipju tal-koperazzjoni leali, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, f'rispett reċiproku sħiħ, jgħinu lil xulxin fit-twettiq tal-kompiti li joħorġu mit-Trattati.

jiddeskrivu fil-qosor id-dispożizzjonijiet ta' infurzar tal-GDPR u d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika rispettivament u l-interazzjoni ta' bejniethom.

5.1 L-infurzar tal-GDPR

52. Il-GDPR jipprevedi l-infurzar tad-dispożizzjonijiet tiegħu minn awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* indipendenti. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota wkoll li l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (il-Karta) jipprevedi li l-ipproċessar ta' *data* personali għandu jkun soġġett għal kontroll minn awtorità indipendenti:

“L-Artikolu 8 – Protezzjoni ta' data personali

1. *Kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni ta' data personali li tirrigwardaha.*

2. *Din id-data għandha tiġi trattata b'mod qust għal finijiet determinati u abbażi tal-kunsens tal-persuna kkonċernata jew fuq bażi oħra leġittima stabbilita mil-liġi. Kull persuna għandha d-dritt ta' aċċess għad-data miġbura li għandha x'taqsam magħha u d-dritt li tikseb ir-rettifika tagħha.*

3. *L-osservanza ta' dawn ir-regoli għandha titqiegħed taħt il-kontroll ta' awtorità indipendenti.”*

53. L-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* jingħataw mandat legali f'dan ir-rigward, kif stabbilit bl-Artikolu 51(1) tal-GDPR, jiġifieri li jimmonitorjaw l-applikazzjoni tal-GDPR, sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi b'rabta mal-ipproċessar u biex jiġi ffaċilitat il-fluss liberu ta' *data* personali fl-Unjoni.
54. Il-GDPR fih eċċezzjoni waħda u possibbiltà waħda li ssir deroga minn dan il-mandat:
- il-kompetenza tal-awtoritajiet superviżorji ma tkoprix l-ipproċessar ta' *data* personali meta l-qrati jkunu qed jaġixxu fil-kapaċità ġudizzjarja tagħhom (l-Artikolu 55(3) tal-GDPR);
 - għall-ipproċessar imwettaq għal skopijiet ġurnalistiċi jew għall-iskop ta' espressjoni akkademika, artistika jew letterarja, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal eżenzjonijiet u derogi minn fost oħrajn il-Kapitoli VI (awtoritajiet superviżorji indipendenti) u VII (kooperazzjoni u konsistenza) tal-GDPR (l-Artikolu 85 tal-GDPR);

Barra minn hekk, is-setgħat tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* jistgħu jiġu estenzi f'konformità mal-Artikolu 58(6) tal-GDPR u jistgħu b'mod partikolari jingħataw is-setgħa li jimmultaw lill-awtoritajiet u lill-korpi pubbliċi, jekk Stat Membru jipprovdi hekk fil-leġislazzjoni nazzjonali (l-Artikolu 83(7) tal-GDPR).

Billi dawn huma eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati b'mod ristrett.

55. Fejn il-GDPR jillimita jew jippermetti derogi għall-kompetenzi, il-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*, dan għamli b'mod espliċitu. Il-GDPR lanqas ma jeskludi lill-awtoritajiet tal-

L-Istati Membri għandhom jieħdu kull miżura ġenerali jew partikolari xierqa sabiex jassiguraw li l-obbligi li joħorġu mit-Trattati jew li jirriżultaw mill-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jitwettqu.

L-Istati Membri għandhom jgħinu lill-Unjoni sabiex twettaq il-kompiti tagħha u joqogħdu lura minn kwalunkwe miżura li tista' tqiegħed f'periklu l-kisba tal-oġġettivi tal-Unjoni.”

protezzjoni tad-*data* b'xi mod milli jeżerċitaw il-kompetenzi, il-kompiti u s-setgħat tagħhom fir-rigward tal-ipproċessar sal-punt li jiskatta l-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-GDPR. Għalhekk tqum il-kwistjoni jekk il-leġiżlatur tal-UE pprevediex jew ippermettix deroga fuq il-kompetenza ġenerali tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* f'każijiet fejn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika japplikaw għall-ipproċessar inkwistjoni.

5.2 L-Infurzar tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika

56. L-infurzar tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika huwa marbut mill-qrib mad-Direttiva Kwadru³⁵, li tistipula fl-Artikolu 3(1) li *“l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull wieħed mix-xogħlijiet assenjati lill-awtoritajiet nazzjonali regolatorji f’din id-Direttiva u fid-Direttivi Speċifiċi jitwettaq minn korp kompetenti³⁶.”*
57. L-Artikolu 2(g) tad-Direttiva Qafas jiddefinixxi *“awtorità nazzjonali regolatorja”* bħala *“il-korp jew korpi fdati minn Stat Membru bi kwalunkwe kompitu regolatorju assenjat f’din id-Direttiva u fid-Direttivi Speċifiċi.”*
58. L-Istati Membri għażlu modi differenti kif jallokaw il-kompitu li jinfurzwaw ir-regoli nazzjonali dwar il-Privatezza Elettronika lill-entità waħda jew aktar.³⁷ Dan il-livell ta’ varjazzjoni huwa possibbli, minħabba li d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika tistabbilixxi biss miri ġenerali li għandhom jinkisbu mill-Istati Membri dwar din il-kwistjoni.
59. Id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika ma tiddikjarax li korp nazzjonali wieħed biss għandu jkun kompetenti biex jinforza d-dispożizzjonijiet tagħha. Fil-fatt, l-Artikolu 15a tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jipprovdni b’mod espliċitu li aktar minn korp nazzjonali wieħed jista’ jkun kompetenti biex jinforza d-dispożizzjonijiet tagħha. L-Artikolu 15a jipprevedi wkoll l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-Direttiva mill-Istati Membri, inkluż l-obbligi li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar penali, jagħtu setgħa biex jordnaw il-waqfien tal-ksur, jagħtu setgħat investigattivi u riżorsi, eċċ. kif ġej:

“1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli tal-penali, inklużi sanzjonijiet kriminali fejn xieraq, applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn ir-regoli jkunu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u diswassivi u jistgħu jkunu applikati biex ikopru l-perijodu ta’ kwalunkwe ksur, anke fejn sussegwentement il-ksur ikun ġie rettifikat. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sal-25 ta’ Mejju 2011 u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

2. Mingħajr ħsara għal kwalunkwe soluzzjoni ġudizzjarja li tista’ tkun disponibbli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità nazzjonali kompetenti u, fejn rilevanti, korpi nazzjonali oħra jkollhom is-setgħa li jordnaw il-waqfien tal-ksur imsemmi fil-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u, fejn rilevanti, korpi nazzjonali oħra jkollhom is-setgħat u r-riżorsi investigattivi kollha meħtieġa, inkluż is-

³⁵ Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta’ komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Qafas), kif emendata.

³⁶ L-Artikolu 2(l) tad-Direttiva Qafas jiċċara li *“Direttivi Speċifiċi’ jirreferi għad-Direttiva 2002/20/KE (Direttiva dwar l-Awtorizzazzjoni), id-Direttiva 2002/19/KE (Direttiva dwar l-Aċċess), id-Direttiva 2002/22/KE (Direttiva dwar is-Servizz Universali) u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika).”*

³⁷ Rapport lill-Kummissjoni *“Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika: valutazzjoni tat-traspożizzjoni, l-effettività u l-kompatibilità mar-Regolament propost dwar il-Protezzjoni tad-Data”*, SMART 2013/0071, p. 33 ff.

setgħa li jiksbu kwalunkwe informazzjoni rilevanti li jistgħu jkunu jeħtieġu biex jissorveljaw u jinfurzar id-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva.

4. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti jista' għu jadottaw miżuri sabiex jiżguraw koperazzjoni effikaċi transkonfinali fl-infurzar tal-liġijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u toħloq kondizzjonijiet armonizzati għall-forniment ta' servizzi li jinvolvu flussi transkonfinali tad-data."

60. Barra minn hekk, l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika fih dispożizzjoni li tirreferi għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE dwar rimedji ġudizzjarji, responsabbiltà u sanzjonijiet, li issa għandhom ikunu interpretati bħala referenza għall-GDPR:

"Id-dispożizzjonijiet fl-Kapitolu III dwar rimedji ġudizzjarji, responsabbiltà u sanzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE għandhom jgħoddu fir-rigward ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u fir-rigward tad-drittijiet individwali derivati minn din id-Direttiva."

61. L-Artikolu 15(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jipprevedi wkoll li:

"Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni ta' Individwi fl-Ipproċessar ta' Data Personali stabbilit mill-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE għandu wkoll iwettaq il-kompiti preskritti fl-Artikolu 30 ta' dik id-Direttiva fir-rigward ta' affarijiet koperti minn din id-Direttiva, jiġifieri l-protezzjoni ta' drittijiet u libertajiet fundamentali u ta' interessi leġittimi fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi."³⁸

5.3 L-Infurzar fejn jiltaqgħu l-GDPR u l-Privatezza Elettronika

62. Id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika tippartikularizza u tikkomplimenta l-GDPR u barra minn hekk tirreferi għad-dispożizzjonijiet ta' din tal-aħħar dwar ir-rimedji ġudizzjarji, ir-responsabbiltà u s-sanzjonijiet (l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika interpretat fid-dawl tal-Artikolu 94 tal-GDPR).

5.3.1 L-ewwel mistoqsija: ċerti operazzjonijiet ta' pproċessar huma "barra mil-limiti" għall-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data?

- *Is-sempliċi fatt li l-ipproċessar tad-data personali jiskatta l-kamp ta' applikazzjoni materjali kemm tal-GDPR kif ukoll tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, jillimita l-kompetenzi, il-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data fl-ambitu tal-GDPR? Fi kliem ieħor, hemm subsett ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li għandhom jiġu esklużi mill-kunsiderazzjoni tagħhom, u jekk iva, liema operazzjonijiet ta' pproċessar għandhom jiġu esklużi?*

³⁸ L-Art. 15(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jipprevedi li "Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni ta' Individwi fl-Ipproċessar ta' Data Personali stabbilit mill-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE għandu wkoll iwettaq il-kompiti preskritti fl-Artikolu 30 ta' dik id-Direttiva fir-rigward ta' affarijiet koperti minn din id-Direttiva, jiġifieri l-protezzjoni ta' drittijiet u libertajiet fundamentali u ta' interessi leġittimi fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi."

L-Artikolu 94.2 tal-GDPR jipprevedi li "Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jiftiehem bħala referenzi għal dan ir-Regolament. Ir-referenzi għall-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar tad-Data Personali stabbilit bl-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE għandhom jinftiehem bħala referenzi għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data stabbilit b'dan ir-Regolament."

Konsegwentement, l-Artikolu 30 tad-Direttiva 95/46 għandu jinftiehem bħala referenza għat-taqsimiet rilevanti tal-Artikolu 70 tal-GDPR (Kompiti tal-Bord).

63. Skont il-GDPR, l-Istati Membri jridu jkunu ħatru awtorità superviżorja waħda jew aktar. L-Istati Membri jistgħu jkunu ħatru l-istess awtorità biex tkun kompetenti għal (parti minn) l-infurzar tal-implimentazzjoni nazzjonali tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, iżda setgħu wkoll għażlu awtorità waħda jew iktar, pereżempju awtorità regolatorja nazzjonali tat-telekomunikazzjoni (NRA), organizzazzjoni tal-protezzjoni tal-konsumatur, jew ministeru.
64. Id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika tagħti lill-Istati Membri flessibilità lil liema awtorità jew korp jafdaw bl-infurzar tad-dispożizzjonijiet tagħha.
65. Filwaqt li d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika tirreferi għad-dispożizzjonijiet tal-GDPR rigward rimedji ġudizzjarji, responsabbiltà u sanzjonijiet (l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika), l-Artikolu 15a(1) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jagħti d-dettalji tad-dispożizzjonijiet dwar “Implimentazzjoni u infurzar” tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika. Pereżempju, l-Artikolu 15a(1) jipprevedi li *“l-Istati Membri għandhom jstabbilixxu r-regoli tal-penali, inklużi sanzjonijiet kriminali fejn xieraq, applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn ir-regoli jkunu implimentati...”*. Bħala tali, id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika tipprovdi espliċitament diskrezzjoni tal-Istati Membri fir-rigward ta’ penali u l-Artikolu 15(2) ma jfjixkilx id-diskrezzjoni offruta lill-Istati Membri dwar l-infurzar (jiġifieri, biex jiddeterminaw min jinforza d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika)³⁹.
66. Fil-każ li l-liġi nazzjonali tagħti l-kompetenza għall-infurzar tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika lill-awtorità tal-protezzjoni tad-*data*, il-liġi għandha tiddetermina wkoll il-kompiti u s-setgħat tal-awtorità għall-protezzjoni tad-*data* fir-rigward tal-infurzar tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika. L-awtorità tal-protezzjoni tad-*data* ma tistax awtomatikament tibbaża fuq il-kompiti u s-setgħat previsti fil-GDPR biex tiegħu azzjoni biex tinforza r-regoli nazzjonali tal-Privatezza Elettronika, minħabba li dawn il-kompiti u setgħat tal-GDPR huma marbuta mal-infurzar tal-GDPR. Il-liġi nazzjonali tista’ tassenja kompiti u setgħat ispirati mill-GDPR, iżda tista’ wkoll tagħti kompiti u setgħat oħrajn lill-awtorità tal-protezzjoni tad-*data* għall-infurzar tar-regoli nazzjonali dwar il-Privatezza Elettronika skont l-Artikolu 15a tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.
67. Id-diskrezzjoni teżisti biss fi ħdan ir-rekwiżiti u l-limiti stabbiliti b’regoli oġġla. L-Artikolu 8(3) tal-Karta jeħtieġ li l-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* tkun soġġetta għall-kontroll minn awtorità indipendenti⁴⁰.
68. Meta l-ipproċessar ta’ *data* personali jiskatta l-kamp ta’ applikazzjoni materjali kemm tal-GDPR kif ukoll tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* huma kompetenti biex jiskrutinizzaw subsettijiet tal-ipproċessar li huma regolati minn regoli nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika biss jekk il-liġi nazzjonali tagħti lilhom din il-kompetenza. Madankollu, il-kompetenza tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* skont il-GDPR fi kwalunkwe każ

³⁹ Innota li l-Artikolu 15a(1) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika ġie introdott permezz tal-2009/136/KE (jiġifieri emenda għad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika).

⁴⁰ Il-każistika tal-QĠUE dwar l-Artikolu 28 tad-Direttiva 95/46 ikkjarifikat ir-rekwiżiti rigward l-indipendenza: ara eż. is-Sentenza tad-9 ta’ Marzu 2010, C-518/07 (Il-Kummissjoni vs il-Ġermanja), il-paragrafu 17 u l-kumplement; is-Sentenza tas-16 ta’ Ottubru 2012, C-614/10 (Il-Kummissjoni vs. l-Awstrija), il-par 36 u l-kumplement; is-Sentenza tas-6 ta’ Ottubru 2015, C-362/14 (Safe Harbour), il-par. 41 u l-kumplement; is-Sentenza tal-21 ta’ Diċembru 2016, C-203/15 u C-698/15 (Tele2/Watson), il-par. 123.

tibqa' mhux imnaqqsa fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li mhumiex soġġetti għal regoli speċjali li jinsabu fid-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika. Din il-linja ta' demarkazzjoni ma tistax tiġi mmodifikata bil-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika (eż. billi jitwessa' l-ambitu materjali lil hinn minn dak li hu meħtieġ mid-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika u tingħata kompetenza esklussiva għal dik id-dispożizzjoni lill-awtorità nazzjonali regolatorja).

69. L-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* għandhom il-kompetenza li jinfurzwaw il-GDPR. Is-sempliċi fatt li subsett tal-ipproċessar jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, ma jillimitax il-kompetenza tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* fl-ambitu tal-GDPR.
70. Fejn tkun ingħatat kompetenza esklussiva lil korp għajr l-awtorità tal-protezzjoni tad-*data*, il-liġi proċedurali nazzjonali tiddetermina x'għandu jiġri meta s-suġġetti tad-*data* madankollu jippreżentaw ilmenti lill-awtorità tal-protezzjoni tad-*data* rigward, pereżempju l-ipproċessar ta' *data* personali fil-forma ta' *data* dwar it-traffiku jew ta' lokalizzazzjoni, komunikazzjonijiet elettroniċi mhux mitluba jew il-ġbir ta' *data* personali bl-użu ta' cookies mingħajr ma jsir ilment ukoll dwar ksur (potenzjali) tal-GDPR.

5.3.2 It-tieni mistoqsija: Id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-Privatezza Elettronika "ma jistgħux jintmissu"?

- *Meta jeżerċitaw il-kompetenzi, il-kompiti u s-setgħat tagħhom skont il-GDPR, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* għandhom jikkunsidraw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika (eż., meta jivvalutaw il-legalità tal-ipproċessar), u jekk iva sa liema punt? Fi kliem ieħor, il-ksur tar-regoli nazzjonali dwar il-Privatezza Elettronika għandu jitqies jew jitwarrab meta tiġi evalwata l-konformità mal-GDPR, u jekk iva, taħt liema ċirkostanzi?*
71. Dan l-eżempju juri d-differenza meta mqabbel mal-ewwel mistoqsija. Ikkunsidra sensar tad-*data*, li jfassal profil fuq il-bażi ta' informazzjoni miksuba minn żewġ sorsi distinti. L-ewwel sors huwa *data* miġbura li tikkonċerna l-imġiba tal-individwi waqt browsing fuq l-internet, permezz tal-użu ta' identifikaturi tal-cookies u/jew identifikaturi oħrajn tal-apparat. It-tieni sors huwa *data* miksuba permezz ta' sħab kummerċjali, li jikkondividu *data* dwar il-parteċipanti fit-tluġħ tal-premjijiet jew fi skemi ta' flus lura.
 72. It-tfassil ta' profil ta' individwi fuq il-bażi ta' *data* personali ġeneralment jaqa' fl-ambitu tal-GDPR u għalhekk fil-kompetenza tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*. Jekk awtorità għall-protezzjoni tad-*data* tirċievi lment rigward l-attivitatiet ta' tfassil ta' profili mwettqa mis-sensar tad-*data*, liema konsiderazzjoni jistgħu jagħtu awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* lil regoli speċifiċi, f'dan il-każ regoli nazzjonali dwar il-Privatezza Elettronika, meta tiġi vvalutata l-konformità mal-GDPR?
 73. Ta' min jinnota li d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika hija eżempju speċifiku ta' liġi li toffri protezzjoni speċjali lil kategoriji partikolari ta' *data* li tista' tkun *data* personali. Testi legali oħra joffru wkoll protezzjoni partikolari għal tipi speċifiċi ta' *data* li jistgħu jkunu *data* personali għal diversi raġunijiet (eż. il-kuntest tal-ipproċessar, in-natura tad-*data* jew ir-riskji għas-suġġetti tad-*data*)⁴¹.

⁴¹ Wieħed jista' jara eżempju fis-settur finanzjarju: Tingħata protezzjoni speċifika lid-*data* użata biex tkun ivvalutata l-affidabbiltà kreditizja ta' persuna jew il-pubbliċità li għandha tingħata lill-penali amministrattivi. Ara: L-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE

74. L-Istati Membri huma obbligati li jaħtru awtorità waħda jew aktar biex jissorveljaw il-konformità mal-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, u tali awtorità (awtoritajiet) hija mbagħad responsabbli għall-infurzar ta' din il-liġi. Il-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika tapplika għall-operazzjoni(jiet) tal-ipproċessar speċifika/speċifi rregolata/i mid-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika (eż. operazzjoni tal-ipproċessar li tikkonsisti fil-ħażna ta' jew l-aċċess għal informazzjoni maħżuna fuq l-apparat tal-utenti finali).
75. Sakemm il-liġi nazzjonali ma tagħtihomx tali kompetenza, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* ma jistgħux jinfurzwaw id-dispożizzjonijiet (tal-implimentazzjoni tal-liġi nazzjonali) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika bħala tali meta jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom skont il-GDPR. Madankollu, kif indikat aktar kmieni, l-ipproċessar ta' *data* personali li jinvolvi operazzjonijiet soġġetti għall-kamp ta' applikazzjoni materjali tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, jista' jinvolvi aspetti addizzjonali li għalihom id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika ma fihix "regola speċjali". Pereżempju, l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika fih regola speċjali dwar il-ħażna tal-informazzjoni, jew għall-kisba ta' aċċess għall-informazzjoni diġà maħżuna, fl-apparat tat-terminal ta' utent aħħari. Ma fihix regola speċjali għal kwalunkwe attività ta' pproċessar ta' qabel jew sussegwenti (eż., il-ħażna u l-analiżi ta' *data* dwar attività ta' browsing fuq l-internet għal skopijiet ta' reklamar online bbażat fuq l-imġiba tal-konsumaturi jew skopijiet ta' sigurtà). Bħala riżultat, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* jibqgħu kompletament kompetenti biex jivvalutaw il-legalità tal-operazzjonijiet l-oħrajn kollha tal-ipproċessar li jsegwu l-ħażna ta' jew l-aċċess għall-informazzjoni fl-apparat tat-terminal tal-utent aħħari⁴².
76. Ksur tal-GDPR jista' jikkostitwixxi wkoll ksur tar-regoli nazzjonali dwar il-Privatezza Elettronika. L-awtorità tal-protezzjoni tad-*data* tista' tikkunsidra din is-sejba fattwali dwar ksur tar-regoli tal-Privatezza Elettronika meta tapplika l-GDPR (eż. meta tivvaluta l-konformità mal-prinċipju tal-legalità jew tal-ġustizzja taħt l-Artikolu 5(1) tal-GDPR). Madankollu, kwalunkwe deċiżjoni ta' infurzar għandha

u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010; L-Artikoli 68-69 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013, dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE. Eżempju ieħor jista' jinstab fir-regoli dwar il-provi kliniċi: ara l-Artikoli 28 - 35 tar-Regolament (UE) Nru 536/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, u li jħassar id-Direttiva 2001/20/KE.

⁴² F'dan ir-rigward, għandha ssir referenza għall-Opinjoni tad-WP29 dwar l-interess leġittimu (06/2014) u l-Opinjoni tad-WP29 dwar il-limitazzjoni tal-iskop (Opinjoni 03/2013), li jiċċaraw li ċerti forom ta' reklamar ibbażat fuq l-imġiba tal-konsumaturi jeħtieġu kunsens tas-suġġett tad-*data*, mhux biss minħabba l-Artikolu 5(3). Opinjoni dwar il-limitazzjoni tal-iskop tiddikjara li *t-tieni xenarju potenzjali huwa meta organizzazzjoni trid speċifikament tanalizza jew tipprevedi l-preferenzi personali, l-imġiba u l-attitudnijiet ta' konsumatur individwali, li sussegwentement ikunu ta' informazzjoni għal "miżuri jew deċiżjonijiet" li jittieħdu fir-rigward ta' dawk il-konsumaturi. F'dawn il-każijiet, kunsens ta' "opt-in" ħieles, speċifiku, infurmat u mhux ambigwu kważi dejjem ikun meħtieġ, inkella użu ulterjuri ma jistax jiġi kkunsidrat kompatibbli. L-ewwel u qabel kollox, tali kunsens jenħtieġ li jkun meħtieġ, pereżempju, għall-intraċċar u t-tfassil ta' profili għal skopijiet ta' kummerċjalizzazzjoni diretta, reklamar ibbażat fuq l-imġiba tal-konsumaturi, senserija tad-*data*, reklamar ibbażat fuq il-lokalità jew riċerka tas-suq diġitali bbażata fuq it-traċċar.*

Opinjoni dwar l-interessi leġittimi tiddikjara: *"Minflok ma sempliċement tiġi offruta l-possibbiltà ta' esklużjoni fakultattiva minn dan it-tip ta' profilar u reklamar immirat, ikun meħtieġ kunsens infurmat, skont l-Artikolu 7(a) iżda wkoll skont l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika. Minħabba f'hekk, l-Artikolu 7(f) ma għandux jintuża bħala bażi ġuridika għall-ipproċessar."*

tkun iġġustifikata fuq il-bażi tal-GDPR, sakemm l-awtorità tal-protezzjoni tad-*data* ma tkunx ingħatat kompetenzi addizzjonali mil-liġi tal-Istati Membri.

77. Jekk il-liġi nazzjonali tinnomina l-awtorità tal-protezzjoni tad-*data* bħala awtorità kompetenti skont id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, din l-awtorità tal-protezzjoni tad-*data* għandha l-kompetenza li tinforza direttament ir-regoli nazzjonali tal-Privatezza Elettronika flimkien mal-GDPR (inkella ma tistax tagħmel dan).
78. Bħala kumment ġenerali, fejn bosta awtoritajiet huma kompetenti fl-istrumenti legali differenti, huma għandhom jiżguraw li r-rabta fl-infurzar taż-żewġ strumenti tkun konsistenti, fost affarijiet oħrajn, biex jiġi evitat ksur tal-prinċipju *non bis in idem* f'każ li jkun hemm rabta qawwija bejn il-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR u tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika li jkun seħħ fil-kuntest ta' attività ta' pproċessar partikolari.

6 DWAR L-APPLIKABBILTÀ TAL-MEKKANIŻMI TA' KOOPERAZZJONI U KONSISTENZA

79. It-tielet mistoqsija mressqa mill-Awtorità Belġjana għall-Protezzjoni tad-*Data* lill-Bord tista' tkun riprodotta kif ġej:
 - *sa liema punt huma applikabbli l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u ta' konsistenza fir-rigward tal-i-proċessar li jiskatta, tal-inqas f'relazzjoni ma' ċerti operazzjonijiet ta' pproċessar, il-kamp ta' applikazzjoni materjali kemm tal-GDPR kif ukoll tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika?*
80. Skont il-Kapitolu VII tal-GDPR, il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsistenza disponibbli għall-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* skont il-GDPR jikkonċernaw il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR. Il-mekkaniżmi tal-GDPR ma japplikawx għall-infurzar tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fid-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika bħala tali.
81. Fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 15(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jipprevedi li:

“Il-[Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data] għandu wkoll iwettaq il-kompiti preskritti fl-[Artikolu 70 tar-Regolament (UE) 2016/679] fir-rigward ta' affarijiet koperti minn din id-Direttiva, jiġifieri l-protezzjoni ta' drittijiet u libertajiet fundamentali u ta' interessi leġittimi fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.”
82. Fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti għall-infurzar tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, l-Artikolu 15a(4) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jipprevedi li *“l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti jistgħu jadottaw miżuri sabiex jiżguraw kooperazzjoni effikaċi transkonfinali fl-infurzar tal-liġijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u toħloq kondizzjonijiet armonizzati għall-forniment ta' servizzi li jinvolvu flussi transkonfinali tad-*data* (...).”*
83. Tali kooperazzjoni transkonfinali bejn l-awtoritajiet kompetenti għall-infurzar tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, inklużi l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u awtoritajiet oħra, tista' sseħħ sal-punt li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti jadottaw miżuri biex jippermettu tali kooperazzjoni.

84. Madankollu, ta' min wieħed jinnota li l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u konsistenza jibqa' japplika bis-siġħ, sa fejn l-ipproċessar ikun soġġett għad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-GDPR (u mhux għal "regola speċjali" li tinsab fid-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika). Pereżempju, anke jekk l-ipproċessar ta' *data* personali (eż. it-tfassil ta' profil) parzjalment jiddependi fuq aċċess għal informazzjoni maħżuna fl-apparat tal-utent aħħari, ir-regoli tal-protezzjoni tad-*data* li mhumiex stabbiliti mid-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika (eż. id-drittijiet tas-suġġett tad-*data*, il-prinċipji tal-ipproċessar) għal kwalunkwe proċessar ta' *data* personali li jseħħ wara l-aċċess għall-informazzjoni maħżuna fl-apparat tal-utent aħħari għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-GDPR, inklużi l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsistenza.
85. Fil-prattika, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* jagħżlu bir-reqqa liema "linja ta' komunikazzjoni" jużaw, speċjalment jekk mhumiex biss qed jinfurzw il-GDPR iżda huma wkoll kompetenti biex jinfurzw (parti minn) traspożizzjoni nazzjonali tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika. Il-"linja ta' komunikazzjoni" awtomatika - kif dettaljata fil-Kapitolu VII (Kooperazzjoni u Konsistenza) tal-GDPR - għandha tintuża għal kwalunkwe parti tal-proċedura u l-partijiet kollha tagħha li jipprevedu l-użu tas-setgħat ta' infurzar mogħtija mill-GDPR bħala reazzjoni għal ksur tal-GDPR.
- Il-"linja ta' komunikazzjoni" diskrezzjonali tista' tintuża mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* fil-kuntest tas-setgħat ta' infurzar distinti tagħhom mogħtija mit-traspożizzjoni nazzjonali tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika u biss sa fejn il-proċedura għandha l-għan li tirrispondi għall-ksur tar-regoli nazzjonali tal-Privatezza Elettronika li jirregolaw l-imġiba speċifika regolata mid-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika. Hekk kif din tkun tikkonċerna kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-GDPR, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* huma obbligati li japplikaw il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u konsistenza stabbilit bil-GDPR.

7 KONKLUŻJONI

- *Is-sempliċi fatt li l-ipproċessar tad-*data* personali jiskatta l-kamp ta' applikazzjoni materjali kemm tal-GDPR kif ukoll tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, jillimita l-kompetenzi, il-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* fl-ambitu tal-GDPR? Fi kliem ieħor, hemm subsett ta' operazzjonijiet ta' proċessar ta' *data* li għandhom jitwarrbu, u jekk iva meta?*
86. Meta l-ipproċessar ta' *data* personali jiskatta l-kamp ta' applikazzjoni materjali kemm tal-GDPR kif ukoll tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* huma kompetenti biex jiskrutinizzaw l-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-*data* li huma regolati minn regoli nazzjonali tal-Privatezza Elettronika biss jekk il-liġi nazzjonali tikkonferixxi lilhom din il-kompetenza, u skrutinju bħal dan għandu jseħħ fi ħdan is-setgħat superviżorji assenjati lill-awtorità permezz tal-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.
87. L-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* għandhom il-kompetenza li jinfurzw il-GDPR. Is-sempliċi fatt li subsett tal-ipproċessar jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, ma jillimitax il-kompetenza tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* fl-ambitu tal-GDPR.
- *Meta l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* jeżerċitaw il-kompetenzi, il-kompiti u s-setgħat tagħhom skont il-GDPR, għandhom jikkunsidraw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, u jekk iva sa liema punt? Fi kliem ieħor, il-ksur tar-regoli nazzjonali dwar il-Privatezza Elettronika għandu jitwarrab meta tkun qed tiġi evalwata l-konformità mal-GDPR, u jekk iva meta?*

88. L-awtorità jew l-awtoritajiet li jinħatru bħala kompetenti mill-Istati Membri fit-tifsira tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, huma esklussivament responsabbli mill-infurzar tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika li huma applikabbli għal dik l-operazzjoni speċifika tal-ipproċessar, inkluż f'każijiet fejn l-ipproċessar ta' *data* personali jiskatta l-kamp ta' applikazzjoni materjali kemm tal-GDPR kif ukoll tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika. Madankollu, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* jibqgħu għal kollox kompetenti fir-rigward ta' kwalunkwe operazzjoni ta' pproċessar imwettqa fuq *data* personali li mhijiex soġġetta għal regola speċifika waħda jew aktar li tinsab fid-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.
89. Ksur tal-GDPR jista' jikkostitwixxi ksur tar-regoli nazzjonali dwar il-Privatezza Elettronika. L-awtorità tal-protezzjoni tad-*data* tista' tikkunsidra din is-sejba fattwali dwar ksur tar-regoli tal-Privatezza Elettronika meta tapplika l-GDPR (eż. meta tivvaluta l-konformità mal-prinċipju tal-legalità jew tal-ġustizzja taħt l-Artikolu 5(1)(a) tal-GDPR). Madankollu, kwalunkwe deċiżjoni ta' infurzar għandha tkun iġġustifikata fuq il-bażi tal-GDPR, sakemm l-awtorità tal-protezzjoni tad-*data* ma tkunx ingħatat kompetenzi addizzjonali mil-liġi tal-Istati Membri.
90. Jekk il-liġi nazzjonali tinnomina l-awtorità għall-protezzjoni tad-*data* bħala awtorità kompetenti skont id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, din l-awtorità għall-protezzjoni tad-*data* għandha l-kompetenza li tinforza direttament ir-regoli nazzjonali tal-Privatezza Elettronika flimkien mal-GDPR (inkella ma tagħmilx dan).
- *Sa liema punt il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsistenza huma applikabbli fir-rigward tal-ipproċessar li jiskatta, tal-inqas f'relazzjoni ma' ċerti operazzjonijiet ta' pproċessar, il-kamp ta' applikazzjoni materjali kemm tal-GDPR kif ukoll tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika?*
91. Il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsistenza disponibbli għall-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* skont il-Kapitolu VII tal-GDPR, jikkonċernaw il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR. Il-mekkaniżmi tal-GDPR ma japplikawx għall-infurzar tal-implimentazzjoni nazzjonali tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika. Madankollu, il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u konsistenza jibqa' kompletament applikabbli sa fejn l-ipproċessar ikun suġġett għad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-GDPR (u mhux għal "regola speċjali" li tinsab fid-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika).

92. Il-Bord jirrikonoxxi li l-interpretazzjoni ta' hawn fuq hija mingħajr preġudizzju għall-eżitu tan-negożjati attwali tar-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika. Ir-Regolament propost jindirizza ħafna elementi importanti, inkluż fir-rigward tal-kompetenzi tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*, iżda wkoll fir-rigward ta' firxa ta' kwistjonijiet oħrajn importanti ħafna. Il-Bord itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-adozzjoni ta' Regolament dwar il-Privatezza Elettronika hija importanti⁴³.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

⁴³ L-EDPB stieden lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament u lill-Kunsill biex jaħdmu flimkien biex jiżguraw adożzjoni rapida tar-Regolament il-ġdid dwar il-Privatezza Elettronika (dikjarazzjoni tal-EDPB ippubblikata fil-25 ta' Mejju 2018).

(Andrea Jelinek)